MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 411/2007/1

**John Pullicino u**
**Golden Harvest Manufacturing Company Limited**

**vs**

**Mario Spiteri**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Ottubru, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li jithallsu s-somma ta' tlett elef, tlett mija, wiehed u tletin ewro u seba' centezmi (€3331.07) gja` Lm1,430.15 rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut, inkluz permezz ta’ ittra ufficjali tas-27 ta’ Frar, 2006 dan baqa’ inadempjenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-atturi jitolbu bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma mitluba, bl-ispejjez ta’ din il-procedura kif ukoll ta` l-ittra ufficjali u bl-interessi legali dekorribbli mid-data ta` l-istess ittra sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici peress illi preliminarjament it-talba attrici hija preskritta. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ebda ammont ma huwa dovut u dan salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ John Pullicino, Mario Spiteri, Dorianne Cordina u Victor Meli.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

IKKUNSIDRA

Illi t-Tribunal jirrilleva li fis-seduta tal-14 ta’ Frar, 2008 l-konvenut kien irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni. Illi ghalhekk it-Tribunal ipprosegwa billi jiddeciedi l-kaz fuq il-mertu.

Illi fil-mertu din il-kawza titratta dwar allegat debitu raprezentanti bilanc fuq prezz ta’ merkanzija mibjugha lill-konvenut u li l-konvenut jichad.

John Pullicino spjega kif huwa impjegat bhala *‘salesman’* mas-socjeta’ attrici Golden Harvest Manufacturing Co Limited u huwa l-bniedem inkarigat mid-‘*deliveries*’ ossia konsenji tal-prodotti tas-socjeta’ attrici. Illi s-socjeta’ attrici tipproduci fost ikel iehor il-hobz u bejgh ta` diversi tipi ta’ hobz lill-konvenut li kien jiggestixxi l-Carolina Hotel, f’San Pawl il-Bahar. Xehed ukoll illi sas-sajf ta` l-2006, il-konvenut kien qallu illi ha jhallsu ghax-xoghol ikkunsinjat. Intqal ukoll illi l-konvenut kien waqaf ihallas lis-socjeta’ attrici ghax-xoghol ikkunsinjat mill-2005. L-attur Pullicino spjega li kien qed jidher bhala attur flimkien mas-socjeta’ attrici peress illi kien hemm xi ‘*invoices’* li nhargu f’ismu.

Mid-dokumenti prodotti jidher illi d-debitu riferut ghalih mill-atturi jikkorrispondi ghal konsenji maghmulin minn Frar ta` l-2003 sa Jannar, 2004. Dawn l-‘*invoices’* kienu inhargu fuq isem is-socjeta’ attrici izda l-isem ta’ John Pullicino jidher bhala ‘is-*salesman*’ ikkoncernat ma` tali bejgh. Illi l-kotba tad-‘*delivery notes’* li jikkorrispondu ghall-istess perjodu ta` l-‘*invoices’* u li gew ezebiti mill-atturi huma kollha mahrugin fuq isem *Golden Harvest Manufacturing Company Limited* u li ebda wahda mill-konsenji ma hija ffirmata, kif ukoll l-isem lil min gie konsinjat ghalkemm m`huwiex car jidher li tinqara kelma ‘*Caroline*’ .

It-Tribunal jirrilleva illi skond dokument prodott mill-atturi jidher illi fil-31 ta’ Ottubru, 2005 ma kienx hemm bilanc dovut mill-*‘Carolina Hotel’* f’San Pawl il-Bahar lill-‘*Golden Harvest Manufacturing Company Limited’* . Illi dan l-ahhar bilanc gie saldat permezz ta’ zewg cekkijiet mahrugin fit-30 ta’ Awissu, 2005 u d-29 ta’ Settembru, 2005. Illi mid-dokumenti prezentati il-bilanc dovut lis-socjeta’ attrici gie zero. Izda l-attur John Pullicino sostna illi ghalkemm il-konvenut kien salda d-debitu minn mas-socjeta’ attrici huwa

xorta kien debitur lejh ghal perjodu bejn Frar ta` l-2003 sa Jannar ta` l-2004.

It-Tribunal jirrilleva illi d-dokumenti prodotti mill-atturi huma kollha mahrugin f'isem is-socjeta' attrici '*Golden Harvest Manufacturing Company Limited'*. Illi ma giet prodotta ebda '*invoice'* f'isem John Pullicino.

Dorianne Cordina, impjegata mas-socjeta' attrici ikkonfermat illi l-konvenut ma kellu jaghti xejn fuq il-kont tas-socjeta' attrici u li l-kont tal-'*Carolina Hotel'* gie trasferit f'isem John Pullicino ghax-xoghol ikkunsinjat minnu. Intqal ukoll illi John Pullicino beda jigbor il-flus f'ismu izda din kienet kienet prassi interna. It-Tribunal jinnota illi dan il-kont il-gdid qatt ma gie ezebit.

Fix-xhieda tal-konvenut Mario Spiteri huwa qal illi hu gie mgharraf b'xi '*invoices'* mhux saldati f'Dicembru ta` l-2006. Spjega li huwa kien il-proprjetarju tal-'*Carolina Hotel'* li ghalqet f'Dicembru ta` l-2006. Illi huwa kien ircieva l-ahhar '*statements'* mis-socjeta' attrici f'Marzu ta` l-2005. Dan l-ahhar statement kien jammonta ghal debitu ta` Lm409 li l-konvenut kien salda permezz ta' cekkijiet tal-Bank of Valletta fis-sajf tal-2005.

It-Tribunal jinnota illi qatt ma nharget '*statement'* ta' kont pendenti mill-attur John Pullicino lill-konvenut.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi fil-waqt illi l-attur qed jallega li huwa kkonsenja u biegh il-hobz lill-konvenut fl-2003 f'ismu, l-konvenut qal illi huwa kien salda d-debitu kollu wara li rcieva l-ahhar '*statement of account'* mis-socjeta' attrici permezz ta' cekkijiet mahruga f'Awissu u Settembru, 2005 lis-socjeta' attrici u li huwa qatt ma hallas lill-attur John Pullicino personalment.

Illi mill-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal jidher illi jekk kemm-il darba xi xoghol gie konsenjat lil *'Carolina Hotel'* fl-2003 dan ix-xoghol, ghalkemm imnizzel bhala xoghol tas-socjeta' attrici ma tnizzilx *fl-'istatement of account'* tas-socjeta' attrici u dan ghaliex is-socjeta' attrici iddecidiet ma tbieghx iktar lil Carolina Hotel. Izda jekk s-socjeta' attrici iddecidiet li ma tbieghx iktar lill-konvenut ghaliex fl-istess waqt harget '*invoices'* u '*delivery notes'* f'isimha. Illi mill-'*istatement of account'* tas-socjeta' attrici jidher illi sa April, 2003 il-bilanc dovut mill-'*Carolina Hotel'* kien ta' Lm1,759.13. Illi dan l-ahhar ammont kien gie kkreditat fis-sena 2004 b'erba' pagamenti komplessivi ta' Lm1,350 u li kien ghad baqa' bilanc ta' Lm409.13. Illi skond l-'*istatement of account'* tas-socjeta' attrici ma jidhirx illi l-allegat bejgh tas-sena 2003 dahal fis-sistema ta` l-accounts tas-socjeta' attrici. Mill-provi jidher illi s-socjeta' attrici entrat l-ahhar biegh lill-konvenut fil-31 ta' Dicembru, ta` l-2002 fejn l-ahhar ammont dovut kien ta' Lm1,959. Jidher illi kwalunkwe' pagament li kien diehel mill-'*Carolina Hotel'* wara dik il-gurnata kien qed inaqqas il-bilanc u ma jidhirx illi s-socjeta' attrici bieghet aktar lill-'*Carolina Hotel'*.

It-Tribunal jirrilleva illi ghalkemm mill-provi jidher illi s-socjeta' attrici nqatghet u ma komplietx tbiegh lill '*Carolina Hotel', id-'delivery notes'* tas-sena 2003 jistqarru mod iehor kif ukoll *l-'invoices'* mahruga. Illi dawn *id-'delivery notes'* jikkorrispondu ghal-perjodu tas-sena 2003 izda l-ebda wahda minn dawn id-'*delivery notes'* ma hija ffirmata minn min gew kkonsenjati u li l-'*invoices'* prodotti jikkorrispondu ma` l-ammont fid-*'delivery notes'* li ghal xi raguni ma tnizzlux fis-sistema ta` l-'*accounts'.*

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm l-attur Pullicino qal illi fl-2003 huwa biegh f'ismu u mhux f'isem il-kumpanija, d-dokumenti prodotti minnu jindikaw li s-socjeta' attrici kien ghad ghandha il-

kontroll, izda ghal raguni nterna, l-allegat bejgh ma tnizzilx fl-'*istatement of accounts'* tas-socjeta' attrici.

Illi mid-dokumenti ezebiti johrog car u manifest illi kien hemm inkompatibilita' fis-sistema interna ta' kontabilita' mas-sistema ta; kif isir il-bejgh da parti mis-*'sales department'* tas-socjeta' attrici. Illi jidher li d-dirigenti tas-socjeta' attrici iddecidew fl-ahhar ta` l-2002 li ma jbieghux iktar lill-konvenut u sar arrangement intern li s-socjeta' attrici tkompli tbiegh lill-konvenut tramite u f'isem l-attur John Pullicino. Izda mill-provi jirrizulta li jekk kif intqal mis-socjeta' attrici huwa minnu, s-'*sales department'* tas-socjeta' attrici baqa' allegatament ibiegh f'isem l-attur John Pullicino. Izda d-dokumenti prodotti jirrizultaw mod iehor u ghalhekk it-Tribunal jifhem illi din il-konfuzjoni huwa rizultat ta' '*mismanagement'* ta' kontijiet da parti mis-socjeta' attrici.

It-Tribunal jirrilleva illi sabiex jasal ghall-soluzzjoni gusta u ekwa tal-vertenza ta' din il-kawza ha jkollu jistrieh fuq il-provi kollha migjuba quddiemu li jinkludu d-dokumenti kollha ezebiti fl-atti. Illi mill-provi prodotti jidhirlu illi l-attur John Pullicino naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal. Illi '*di piu'* fir-rigward tas-socjeta' attrici jirrizulta minn ammissjoni stess tas-socjeta' attrici illi l-konvenut m'huwiex debitur taghha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici.

Spejjez a karigu ta` l-attur.**"**

L-atturi appellaw minn din is-sentenza bl-ilment illi, bil-kontra ta' dak deciz mit-Tribunal, il-provi kienu jwasslu ghal verifika illi l-konvenut kien tassew debitur taghhom. Ghall-appellanti, it-tezi principali taghhom hi dik li meta l-konvenut waqaf milli jaghmel pagamenti fuq il-kont Numru

910310 is-socjeta` Golden Harvest ma komplietx tbieghlu aktar prodotti u minflok l-attur John Pullicino personalment u skond rapport intern bejnu u l-imsemmija kumpanija beda jbiegh hu l-prodotti lill-konvenut b'effett mill-1 ta' Jannar, 2003;

Il-fatti tal-kawza huma koncizament kif gej:-

(1) L-attur John Pullicino hu s-*salesman* tas-socjeta` attrici u kien hu li jiehu l-ordnijiet minghand il-klijenti u jiehu hsieb il-konsenji. Skond dan l-attur il-klijenti kellhom *credit facility* ta' disghin (90) gurnata. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 11;

(2) Meta xehed in kontro-ezami (fol. 38) l-istess attur spjega illi gjaladarba l-konvenut kien moruz fil-hlasijiet il-kumpanija waqfet milli taghtih ix-xoghol, izda b'danakollu, huwa impenja ruhu li jaghtih ix-xoghol f'ismu personali. L-i*statement* esebit minn fol. 13 sa fol. 22 huwa relattiv ghal konsenji li saru mill-1 ta' Jannar, 2003 bil-prezz korrispondenti ghalihom;

(3) Ix-xhud Dorianne Cordina impjegata fl-*accounts* mas-socjeta` attrici tiddikjara illi l-bilanc li kien jidher fuq il-kont Numru 910310 gie finalment skontat f'Settembru 2005. Tghid, pero`, li hemm kont iehor li nfetah f'isem John Pullicino ghax-xoghol f'ismu, b'dan li zzid tghid ukoll illi "ghalkemm hu jahdem f'ismu l-flus ghandu jaghtihom lil Golden Harvest". Ara xhieda taghha a fol. 55;

(4) Il-konvenut (fol. 31) jichad li hu debitur fis-somma pretiza u jsostni illi lill-attur John Pullicino jafu bhala rapprezentant tal-Golden Harvest u qatt ma hallsu personalment. Invece, dak dovut lil kumpanija gie minnu debitament saldat bl-ahhar zewg hlasijiet li ghamel fit-30 ta' Awissu, 2005 u 30 ta' Settembru, 2005 (ara fotokopji tac-cekkijiet a fol. 47 u 48);

(5) Xehed ukoll Victor Meli (fol. 52) l-*accountant* tal-konvenut, li, oltre li kkonferma dawk il-hlasijiet, stqarr

ukoll illi, apparti l-*invoice* relattivi ghal dawk il-pagamenti, qatt ma gew ricevuti *statements* jew *invoices* ghas-snin antecedenti;

Jinzel minn dawn il-fatti illi, gjaladarba l-atturi kienu qed jallegaw l-ezistenza ta’ kont separat u distint minn dak l-iehor bejn il-konvenut u l-kumpanija attrici, saldat, kif inghad, fl-2005, huma kien jenhtiegilhom jipprovaw illi kienet tezisti konvenzjoni li permezz taghha kien miftiehem illi l-bejgh tal-prodotti, cessata dik ir-relazzjoni l-ohra, kien b’effett mill-bidu ta’ Jannar, 2003, ser isir bejn l-attur John Pullicino personalment u l-konvenut;

Hi disposizzjoni espressa tal-ligi illi l-obbligazzjonijiet li ma jidderivawx mil-ligi jitnisslu minn kuntratti, kwazi kuntratti, delitti jew kwazi delitti (Artikolu 959, Kodici Civili). Domanda ghall-hlas tippresupponi l-ezistenza ta’ xi vinkolu derivanti minn xi wiehed minn dawn. Eskluzi fil-kaz partikolari l-kwazi kuntratt, id-delitt jew il-kwazi delitt, biex dak pretiz mill-appellanti jwassal ghal produzzjoni ta’ l-effett guridiku aspettat kien certament gravanti fuqhom illi huma jipprovaw in-negozju kontrattwali sottostanti dik il-pretensjoni taghhom. Dan fis-sens ta’ dik il-prova manifestanti il-volontajiet taghhom ghal konkluzjoni ta’ dak il-kuntratt gdid bejn l-attur John Pullicino u l-konvenut;

Fuq il-valutazzjoni taghha tal-provi processwali hi l-fehma konsiderata tal-Qorti illi dik il-prova ma saretx. Minn imkien ma jirrizulta illi kien hemm xi ftehim espress bejn il-partijiet imsemmija. Lanqas, ukoll, li kien hemm xi manifestazzjoni tacita ghax mill-fatti attendibbli dan ma huwiex il-kaz u l-ebda prova univoka ma tressqet kompatibbli ma’ xi volonta` bhal din. Pjuttost il-kontra hu l-kaz in kwantu l-konvenut jinnega l-ezistenza ta’ xi volonta` tieghu ghall-konkluzjoni ta’ relazzjoni guridika ma’ l-attur John Pullicino;

Il-fatt li l-kont esebit juri annotat fih l-ekwivalenti tal-partiti allegatament ikkonsenjati lill-konvenut ma jikkostitwix ghalhekk biss dik il-kawza efficjenti ghall-ezistenza tar-rapport guridiku. Il-kont, kif kompilat, kien certament jinteressa r-rapport intern bejn iz-zewg atturi izda ma kienx jaghmel prova kontra l-konvenut la ma giex accettat jew approvat minnu. Del resto, ukoll, lanqas ingiebet prova li dan il-kont intbaghat jew gie ricevut. Similment, il-konsenja tal-partiti murija fih la darba, kif ikkonstatat mit-Tribunal, id-*delivery notes* esebiti ma gewx iffirmati;

F’dawn ic-cirkustanzi l-Qorti ma ssibx li hi gustifikata c-censura ta’ l-appellanti fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata li ddeterminat li dawn ma pprovawx il-kaz taghhom. Fil-verita, il-gudizzju ma setax ikun divers fl-istat ta’ l-incertezza krejat minn nuqqas ta’ dik il-prova preciza u konkludenti li kellha tistabilixxi r-rapport konvenzjonali.

Ghal dawn il-motivi kollha l-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------